MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 336/2011

**APS Bank Ltd**
**vs**
**Robert Cassar u martu Jael Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tas-6 ta' April 2011 li jghid hekk:

Illi permezz ta' kuntratt fl-atti ta' Nutar Mary Grech Pace tat-tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) (Dok. A) u kif ukoll permezz ta' Sanction Letter datata tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008) (Dok. B), il-Bank rikorrenti ikkonceda lill-intimati, in-solidum bejniethom, facilita ta' Overdraft, taht l-iskema A-Plus Account, sas-somma ta' mija u ghaxart elef euro (€110,000) taht il-pattijiet u kondizzjonijiet kollha imsemmija u pattwiti fl-istess kuntratt u sanction letter;

Illi l-intimati jinsabu moruzi fl-obligazzjonijiet u pagamenti minnhom pattwiti permezz tal-precitat kuntratt u sanction letter u ghalhekk kisru l-"Events of Default" stipulati u pattwiti fl-istess kuntratt u sanction letter;
Illi l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex jottemperaw ruhom mal- obligazzjonijiet u pagamenti minnhom assunti u pattwiti permezz tal-precitat kuntratt u sanction letter, izda xorta wahda baqghu inadempjenti;

Illi ghalhekk l-intimati tilfu kull beneficju tat-terminu lilhom koncess;

Illi l-bilanc ta' debitu dovut illum mill-intimati "in solidum" lill-Bank rikorrenti, skond l-imsemmija facilita, jammonta ghas-somma ta' mija u dsatax-il elf u tlett mija u tmienja u hamsin euro u dsatax-il centezmu (€119,358.19) dovuta kwantu ghas-somma ta' mija u ghaxart elef, erba’ mija u sitta u erbghin euro u seba’ centezmu (€110,446.07) bhala bilanc ta' debitu ta' A-Plus Account Numru 20000645011 (Dok. C) u kwantu ghas-somma ta' tmient elef, disa’ mija u tnax-il euro u tnax-il centezmu (€8,912.12) bhala bilanc ta' debitu ta' 'Interest Disposal Current Account' numru 20000875206 (Dok. D), u dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta’ Jannar 2011 sad-data tal-pagament effettiv;

Illi l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-imsemmi debitu,
anke permezz ta’ ittra ufficjali, izda baqghu inadempjenti;

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-intimati huma morusi w inadempjenti fil-konfront tas-socjeta’ rikorrenti u ghalhekk l-intimati tilfu kull beneficju tat-terminu lilhom koncess; u

2. Tikkundanna lill-intimati, b'mod solidali bejniethom, ihallsu lis-socjeta' rikorrenti l-imsemmija somma mija u dsatax-il elf u tlett mija u tmienja u hamsin euro u dsatax-il centezmu (€119,358.19) dovuta kwantu ghas-somma ta'

mija u ghaxart elef, erba’ mija u sitta u erbghin euro u seba centezmu (€110,446.07) bhala bilanc ta' debitu ta' A-Plus Account Numru 20000645011 (Dok. C) u kwantu ghas-somma ta' tmient elef, disa’ mija u tnax-il euro u tnax-il centezmu (€8,912.12) bhala bilanc ta' debitu ta' 'Interest Disposal Current Account' nurnru 20000875206 (Dok. D), u dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta’ Jannar 2011 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati 'in solidum' inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment ma’ dan ir-Rikors Guramentat, u bl-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta’ Jannar 2011 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati 'in solidum', mill-lum ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta rikorrenti;

Rat in-nota ta’ ammissjoni tal-konvenuta Jael Cassar datata 16 ta’ Mejju 2011 li pero sostniet li l-ispejjez tal-kawza ibatihom il-konvenut Robert Cassar;

Rat in-nota ta’ ammissjoni guramentata tal-konvenut Robert Cassar datata 23 ta’ Settembru 2011 li pero sostna li l-ispejjez tal-kawza tbatihom il-konvenuta Jael Cassar;

Rat il-verbal maghmul quddiem il-Qorti fis-seduta tat-8 ta’ Novembru 2011.

Il-Qorti tqis li in kwantu l-ispejjez tal-kawza jigi relevat illi l-facilita bankarja kienet moghtija lil konvenuti li assumew responsabilta solidali ghal hlas taghha u stante li l-hlas ma sarx il-bank attur ma ghandux jigi pregudikat milli jfittex lil kull wiehed mid-debituri ghal-hlasijiet kollha inkluz ghalhekk l-ispejjez tal-kawza billi l-konvenuti ma onorawx l-obbligi kontrattwali taghhom mal-bank u ghalhekk il-bank kellu jistitwixxi l-kawza prezenti. Dan dejjem bla pregudizzju ghal kull vertenza ohra separata bejn il-konvenuti rigward l-ispartazzjoni tad-debitu, l-hlas tieghu u l-imghaxijiet u l-hlas tal-ispejjez ta’ din il-kawza, li pero il-

bank attur ma ghandu ebda konessjoni maghha jew dipendenza fuqha.

Wara li l-Qorti ezaminat  l-atti u n-noti tal-konvenuti t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta ppruvata mid-dokumenti minnha esebiti cioe Dok. A sa G annessi mar-rikors guramentat, u ghalhekk qed tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti (kontra intimati), bl-ispejjez  u imghax kif mitluba sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------